DIPARTIMENT TAL-INFORMAZZJONI
*DEPARTMENT OF INFORMATION*
MALTA

# Press Release

**PR190458** **06.03.2019**

**STQARRIJA MILL-UFFIĊĊJU TAL-ISPEAKER**

***L-Ispeaker tal-Kamra tad-Deputati jinawgura l-wirja dwar il-Mixja tal-Mara fil-Politika***

L-Ispeaker tal-Kamra tad-Deputati, Parlament ta' Malta, Anġlu Farrugia, inawgura wirja dwar 'Il-Mixja tal-Mara fil-Politika'. Din il-wirja qed tittella' mil-Parlament ta' Malta flimkien mal-Uffiċċju tas-Segretarju Parlamentari għar-Riforma, Ċittadinanza u Simplifikazzjoni tal-Proċessi Amministrattivi fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru.

F'kelmtejn tal-okkażjoni, l-Ispeaker fisser kif permezz ta' din il-Wirja qed jingħata ġieħ lil tant Maltin li stinkaw biex jinkisbu d-drittijiet u libertajiet lill-poplu Malti, u jieħu postu fil-komunità tan-nazzjonijiet. L-istorja ta' ġensna turina kif il-poplu Malti għadda minn ħakma għal oħra, bl-interessi tiegħu jitqiesu sekondarji mill-mexxejja barranin. Sakemm Malta kisbet rajha f'idejha, il-poplu Malti kien imxekkel b'rieda ta' ħaddieħor.

Missirijietna għexu żminijiet diffiċli ħafna. Minkejja dawn id-diffikultajiet, huma ma qagħdux lura milli jieħdu azzjoni awtonoma sabiex il-poplu Malti jibda jduq mill-frott li jirriżulta mir-rikonoxximent u r-rispett tad-drittijiet politiċi, inkluż dak tas-*"self-determination"*, id-dritt tal-assoċjazzjoni u l-espressjoni, id-dritt li kull persuna jkollha aċċess għat-tagħlim u l-edukazzjoni, għal kura medika u d-dritt li jgawdi l-ġid mill-iżvilupp soċjoekonomiku li kull poplu tant jixraqlu.

Dokumenti storiċi dwar il-qagħda ekonomika u soċjali tal-gżejjer Maltin ma kinux jagħtu stampa inkoraġġanti dwar il-potenzjal ta' Malta f'terminu ekonomiku, żvilupp industrijali u kummerċjali. Esperti barranin oħra kienu japprezzaw għal skop ta' difiża, il-qagħda strateġika tal-gżejjer Maltin f'nofs il-Mediterran. Hu fl-interess kemm tagħna, bħala Maltin, kif ukoll tal-komunità internazzjonali, li l-baħar tal-Mediterran ikun medda u lok ta' sliem u progress, post fejn il-popli jiltaqgħu biex jikkolaboraw flimkien f'oqsma differenti tal-ħajja għal ġid komuni ta' kulħadd.

L-Ispeaker tenna illi jinsab konvint li l-proċess tal-emanċipazzjoni tal-mara Maltija seta' biss jinbeda u jimxi 'l quddiem permezz tal-kisbiet politiċi tal-poplu Malti, l-Indipendenza fl-1964, id-dikjarazzjoni tar-Repubblika ta' Malta fl-1974 u ħelsien politiku tal-gżejjer Maltin fl-1979.

F'dawn il-kisbiet politiċi kbar għall-poplu Malti, is-sehem tal-mara Maltija kien wieħed determinanti ħafna. Hekk kif is-sehem tal-mara Maltija qed dejjem jiżdied fl-oqsma kollha tal-ħajja, għandna nkunu dejjem ippreparati sabiex nieħdu dawk id-deċizjonijiet neċessarji sabiex is-sehem tal-mara fil-politika, fl-ekonomija u fis-soċjetà jiżdied għal benefiċċju ta' kulħadd, ikkonkluda l-Ispeaker Anġlu Farrugia.



3, CASTILLE PLACE, VALLETTA VLT 2000 Tel +(356) 2200 1700 Fax +(356) 2200 1775
**press.releases@gov.mt www.doi.gov.mt**

Il-konferenza ġiet wkoll indirizzata mill-Professur Carmen Sammut, Pro-Rettur tal-Università ta' Malta, minn Claudette Buttigieg M.P., Deputat Speaker tal-Kamra tad-Deputati, Parlament ta' Malta, minn Julia Farrugia Portelli M.P., Segretarju Parlamentari għar-Riformi, Ċittadinanza u Simplifikazzjoni fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru u minn Helena Dalli M.P., Ministru għall-Affarijiet Ewropew u l-Ugwaljanza.

Il-pubbliku huwa mistieden li jżur din il-wirja fl-intrata tal-Parlament ta' Malta sal-Erbgħa, 13 ta' Marzu 2019 (mit-Tnejn sal-Ġimgħa mid-09.00 ta' filgħodu sal-17.00 ta' waranofsinhar u Sibt u l-Ħadd, mid-09.00 ta' filgħodu sal-12.30 nofsiegħa).